

Linji gwida tal-EBA dwar ir-rata ta' skont nozzjonali applikabbli għar-rimunerazzjoni varjabbli

Werrej

Linji gwida tal-EBA dwar ir-rata ta' skont nozzjonali applikabbli għar-rimunerazzjoni varjabbli	1
Status ta' dawn il-Linji gwida	2
Rekwiżiti tar-rapportar	2
Titolu I – Suġġett u definizzjonijiet	3
Titolu II – Rekwiżiti li jikkonċernaw ir-rata ta' skont għar-rimunerazzjoni varjabbli	3
1. Ir-rimunerazzjoni varjabbli li tista' tiġi skontata	3
2. L-elementi inklużi fil-kalkolu tar-rata ta' skont	4
3. Kalkolu tar-rata ta' skont	5
4. Applikazzjoni tar-rata ta' skont	6
5. Dokumentazzjoni u trasparenza	6
6. Reviżjoni superviżorja tar-rata ta' skont	7
Titolu III - Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni	7
Anness – Eżempji ta' kif tiġi applikata r-rata ta' skont għar-rimunerazzjoni varjabbli	8
Eżempju 1	9
Eżempju 2	12
Eżempju 3	16

Status ta' dawn il-Linji gwida

Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ('ir-Regolament tal-EBA'). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.

Il-linji gwida jistabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar il-prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-EBA għalhekk tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li lejhom huma indirizzati l-linji gwida jikkonformaw mal-linji gwida. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti tar-rapportar

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk jikkonformawx jew jekk ikunux biħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella jagħtu r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sas-27.05.2014. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola pprovduta fit-Taqsima 5 lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2014/01'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

Titolu I – Suġġett u definizzjonijiet

1. L-Artikolu 94(1)(g) tad-Direttiva 2013/36/UE¹ jitlob lill-istituzzjonijiet jistabbilixxu l-proporzjonijiet xierqa bejn il-komponent fiss u l-komponent varjabbli tar-rimunerazzjoni totali għall-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni (persunal identifikat²). Il-proporzjon massimu bejn il-parti varjabbli u dik fissa tar-rimunerazzjoni totali huwa limitat għal 100 %. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li l-proporzjon jiżdied għal massimu ta' 200 %.
2. Dawn il-linji gwida jistabbilixxu l-kalkolu u l-applikazzjoni tar-rata ta' skont imsemmija fl-Artikolu 94(1)(g)(iii) tad-Direttiva 2013/36/UE. L-Istati Membri jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet japplikaw ir-rata ta' skont għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u dawk fissi tar-rimunerazzjoni għal massimu ta' 25 % tat-total tar-rimunerazzjoni varjabbli, sakemm titħallas fi strumenti li huma differiti għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames snin.
3. Il-linji gwida japplikaw għall-istituzzjonijiet li jagħmlu użu mill-għażla li japplikaw ir-rata ta' skont għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u dawk fissi tar-rimunerazzjoni, u għall-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri li implimentaw l-għażla li japplikaw ir-rata ta' skont.
4. Għall-finijiet ta' dawn il-linji gwida, ir-rata ta' skont hija l-valur li bih l-ammont nominali ta' rimunerazzjoni varjabbli mogħtija li tvesti fil-futur jiġi mmultiplikat sabiex jinkiseb il-valur skontat tiegħu. Il-valur skontat imbagħad jintuża għall-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponenti fissi u dawk varjabbli tar-rimunerazzjoni totali għall-persunal identifikat.

Titolu II – Rekwiżiti li jikkonċernaw ir-rata ta' skont għar-rimunerazzjoni varjabbli

1. Ir-rimunerazzjoni varjabbli li tista' tiġi skontata

5. L-istituzzjonijiet jistgħu jiskontaw sa massimu ta' 25 %, jew perċentwal iżjed baxx preskritt mill-Istat Membru, tar-rimunerazzjoni varjabbli totali li tiġi kkalkolata bħala s-somma tal-komponenti kollha tar-rimunerazzjoni varjabbli qabel ma tiġi applikata r-rata ta' skont. Għandha tiġi skontata biss ir-rimunerazzjoni varjabbli li hija differita għal mill-inqas ħames snin u li titħallas f'ekwità jew strumenti tad-dejn jew strumenti marbuta ma' dawn l-istrumenti li huma eliġibbli għall-finijiet tar-rimunerazzjoni varjabbli skont il-punt (I) tal-Artikolu 94(1) tad-Direttiva 2013/36/UE. Dan jinkludi partijiet mir-rimunerazzjoni varjabbli

¹ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338).

² Il-persunal għandu jiġi identifikat bl-applikazzjoni tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tiegħu għandhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni.

differita li jiġu vestiti matul il-perjodu tad-differiment. Ir-rimunerazzjoni varjabbli li għandha titħallas skont l-arranġamenti ta' differiment m'għandhiex tvesti iktar malajr minn waħda fuq bażi prorata³.

6. L-ammont ta' rimunerazzjoni varjabbli li jista' jiġi skontat għandu jiġi kkalkulat abbażi tal-ammont nominali totali ta' rimunerazzjoni varjabbli kif stabbilit fil-linji gwida tal-EBA dwar il-politiki u l-prattiki tar-rimunerazzjoni.

2. L-elementi inklużi fil-kalkolu tar-rata ta' skont

7. Billi l-ebda distribuzzjonijiet m'għandhom jitħallsu lill-persunal fir-rigward tal-istrumenti matul il-perjodu ta' differiment, ir-rata ta' skont għandha tinkludi dawn it-tliet fatturi li ġejjin: l-inflazzjoni, ir-rata tal-imgħax għall-bonds tal-gvern u fattur ta' incensiv marbut mal-użu tal-istrumenti differiti fit-tul kif stabbilit fil-paragrafi li ġejjin ta' din it-taqsim. Għall-paragrafi 8 sa 10, bħala parti mill-politika ta' rimunerazzjoni tagħhom l-istituzzjonijiet għandhom jimplementaw l-użu ta' waħda minn dawn li ġejjin:
 - a. id-dejta disponibbli l-iktar riċenti fid-data meta tingħata r-rimunerazzjoni;
 - b. id-dejta disponibbli l-iktar riċenti fid-data meta tiġi ddeterminata r-rimunerazzjoni varjabbli li tista' tingħata għall-perjodu ta' prestazzjoni li jmiss.
8. Fil-każ tar-rimunerazzjoni mogħtija fi Stat Membru, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw waħda minn dawn li ġejjin fir-rigward tal-fattur għall-inflazzjoni:
 - a. jekk ir-rimunerazzjoni se titħallas fil-munita maħruġa mill-Istat Membru fejn il-membru tal-persunal għandu x-xogħol prinċipali, ir-rata medja annwali tat-tibdil fil-HICP ippubblikat mill-Eurostat⁴ għal dak l-Istat Membru;
 - b. jekk ir-rimunerazzjoni se titħallas f'munita maħruġa minn Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, l-ekwivalenti tad-dejta ta' statistika uffiċjali għal dik imsemmija f'punt (a) hawn fuq disponibbli għall-pajjiż li joħroġ il-munita jew ir-rata tal-HICP applikabbli għall-Istat Membru li fih il-membri tal-persunal iwettqu l-parti predominanti tal-attivitajiet tagħhom;
 - c. ir-rata medja annwali tat-tibdil taħt il-punt (a) jew (b) hawn fuq għall-Istat Membru tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE.
9. Fil-każ tar-rimunerazzjoni mogħtija f'pajjiż terz⁵ l-istituzzjonijiet għandhom jużaw dan li ġej biex jiddeterminaw il-fattur tal-inflazzjoni:

³ L-Artikolu 94(1)(m) tad-Direttiva 2013/36/UE.

⁴ Indiċijiet Armonizzati tal-Prezzijiet għall-Konsumatur (HICPs). Ir-rata msemmija tista' tiġi aċċessata minn fuq dan il-link li ġej: <http://epp.eurostat.ec.europa.eu/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&pcode=tec00118&plugin=1>.

⁵ 'Pajjiżi terzi' jirreferu għall-pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-Unjoni.

- a. jekk ir-rimunerazzjoni se titħallas f'munita maħruġa minn pajjiż terz, l-ekwivalenti tad-dejta ta' statistika uffiċjali ekwivalenti għal dik imsemmija fil-paragrafu 8(a) disponibbli għall-pajjiż li joħroġ il-munita jew ir-rata tal-HICP għall-Istat Membru tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE;
 - b. jekk ir-rimunerazzjoni se titħallas f'munita maħruġa minn Stat Membru tal-UE, ir-rata tal-HICP għall-Istat Membru tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE.
10. Fir-rigward tar-rata tal-imgħax għall-bonds tal-gvern l-istituzzjonijiet għandhom jużaw:
- a. Jekk ir-rimunerazzjoni se titħallas f'munita maħruġa minn Stat Membru, ir-rendiment medju għall-Istati Membri kollha tal-UE ta' rendimenti tal-bonds tal-gvern fit-tul kif ippubblikat mill-Eurostat;⁶
 - b. jekk ir-rimunerazzjoni se titħallas f'munita maħruġa minn pajjiż terz lil persunal li jinsab b'mod predominanti barra mill-UE, l-ekwivalenti tad-dejta ta' statistika uffiċjali disponibbli għall-pajjiż li qed joħroġ il-munita jew ir-rata skont il-punt (a) hawn fuq.
11. Il-fattur ta' incenċiv għar-rimunerazzjoni varjabbli differita mħallsa fi strumenti differiti għal ħames snin għandu jkun ta' 10 %. Il-fattur għandu jiżdied b'erba' punti perċentwali għal kull sena sħiħa addizzjonali ta' differiment.

3. Kalkolu tar-rata ta' skont

12. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rati ta' skont applikabbli għall-partijiet differenti tar-rimunerazzjoni varjabbli li huma suġġetti għal arranġamenti differenti ta' differiment u vestiment u japplikaw ir-rati ta' skont kif xieraq. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-perjodi ta' differiment applikabbli ddokumentati fil-politika ta' rimunerazzjoni tagħhom.
13. Ir-rata ta' skont applikabbli hija wieħed diviż bis-somma ta' wieħed magħdud mat-tliet fatturi stabbiliti fit-taqsima 2, immultiplikata biha nnifisha għan-numru ta' snin tal-perjodu ta' vestiment, kif muri fil-formola t'hawn taħt. Il-perjodu ta' vestiment huwa l-perjodu li meta jintemm tvesti r-rimunerazzjoni varjabbli mogħtija. Għal dan il-għan il-perjodu ta' vestiment għandu jitqarreb 'l isfel san-numru sħiħ li jmiss. Għall-vestiment prorata, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw ukoll formola tal-valur preżenti kif deskritt fl-Anness, eżempju 2.

Formoli għall-kalkolu tar-rata ta' skont

⁶ Għall-kalkolu għandhom jintużaw il-bonds tal-gvern tal-UE b'maturità residwa ta' madwar 10 snin. L-informazzjoni dwar ir-rati tal-bonds tal-gvern tal-UE fit-tul tista' tintstab fil-link li ġej:
<http://epp.eurostat.ec.europa.eu/tgm/table.do?tab=table&init=1&language=en&pcode=teimf050&plugin=1>.

$$\text{rata ta'skont} = \frac{1}{(1 + i + g + id)^n}$$

- i = ir-rata ta' inflazzjoni tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz
g = ir-rata tal-imgħax għall-bonds tal-gvern tal-UE, medja tal-UE
id = il-fattur ta' incenċiv għall-użu ta' differiment fit-tul
n = in-numru ta' snin tal-perjodu ta' differiment

L-applikazzjoni tal-formoli hija spjegata iżjed fl-eżempji 1, 2 u 3 fl-Anness għal dawn il-linji gwida.

4. Applikazzjoni tar-rata ta' skont

14. Ir-rata ta' skont għandha tiġi applikata għal massimu ta' 25 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali ta' membru individwali tal-persunal (jew perċentwal iżjed baxx preskritt mill-Istat Membru) imħallsa fi strumenti li huma differiti għal mill-inqas ħames snin.
15. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw għal kull membru individwali tal-persunal:
 - a. is-somma tal-ammonti kollha ta' rimunerazzjoni varjabbli li huma mogħtija qabel ma tiġi applikata r-rata ta' skont;
 - b. l-ammont taħt il-punt (a) li jingħata fi strumenti u li huwa differit għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin; u
 - c. l-ammonti taħt il-punt (b) li għalihom japplikaw rati ta' skont differenti.
16. Sabiex tiġi kkalkulata r-rimunerazzjoni varjabbli skontata, ir-rata ta' skont applikabbli għandha tiġi applikata billi tiġi mmultiplikata bil-parti rilevanti tar-rimunerazzjoni varjabbli.
17. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponent varjabbli u dak fiss tar-rimunerazzjoni għal membru individwali tal-persunal, ir-rimunerazzjoni varjabbli totali hija s-somma tal-ammonti skontati kollha tar-rimunerazzjoni varjabbli u r-rimunerazzjoni varjabbli mhux skontata.

5. Dokumentazzjoni u trasparenza

18. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw il-kalkolu u l-użu tar-rata ta' skont.
19. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu rekord tal-komponenti fissi u dawk varjabbli tar-rimunerazzjoni mogħtija lil membru individwali tal-persunal, il-partijiet tar-rimunerazzjoni

varjabbli mħallsa fi strumenti li huma differiti għal ħames snin jew iktar, ir-rata ta' skont applikata u l-proporzjon bejn il-komponent varjabbli u dak fiss tar-rimunerazzjoni totali.

20. L-istituzzjonijiet huma meħtieġa, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-EBA, li jirrapportaw, b'mod ċar u ddettaljat, jekk jikkonformawx ma' dawn il-linji gwida. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni dwar ir-rati ta' skont flimkien mad-divulgazzjonijiet meħtieġa rigward il-politika tar-rimunerazzjoni skont l-Artikolu 96 tad-Direttiva 2013/36/UE u l-Artikolu 450(1)(d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013⁷. B'mod partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw dan li ġej abbażi ta' pajjiż b'pajjiż:
- a. il-punt safejn qed tintuża r-rata ta' skont (il-massimu jkun l-applikazzjoni tagħha għal 25 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali jew perċentwal iżjed baxx preskritt mill-Istat Membru); u
 - b. in-numru ta' persunal identifikat li fuq ir-rimunerazzjoni varjabbli tiegħu ġiet applikata r-rata ta' skont.

6. Reviżjoni superviżorja tar-rata ta' skont

21. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrevedu l-qafas tar-rimunerazzjoni ta' istituzzjoni, għandhom jirrevedu kif ir-rata ta' skont tiġi kkalkulata u applikata għar-rimunerazzjoni varjabbli li tkun ingħatat lill-persunal identifikat.

Titolu III - Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

22. Il-linji gwida japplikaw mill-[1 ta' Ġunju 2014] u japplikaw għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponent varjabbli u dak fiss tar-rimunerazzjoni totali mogħtija għall-prestazzjoni u s-servizzi mis-sena 2014 'il quddiem.

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

Anness – Eżempji ta' kif tiġi applikata r-rata ta' skont għar-rimunerazzjoni varjabbli

Kalkolu tal-parti skontata tar-rimunerazzjoni varjabbli ('dvr') għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponent varjabbli u dak fiss tar-rimunerazzjoni:

$$dvr = \frac{vr}{(1 + i + g + id)^n}$$

Fejn:

dvr = ir-rimunerazzjoni varjabbli skontata;

vr = ir-rimunerazzjoni varjabbli soġġetta għall-iskont (massimu ta' 25 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali sakemm titħallas fi strumenti li huma differiti għal mill-inqas tliet snin);

i = ir-rata tal-inflazzjoni f'perċentwal;

g = ir-rata tal-imgħax għall-medja tal-UE tal-bonds tal-gvern f'perċentwal;

id = il-fattur ta' incenċiv għall-użu ta' differiment fit-tul f'perċentwal;

n = in-numru ta' snin fil-perjodu ta' vestiment.

Ir-rimunerazzjoni varjabbli totali hija s-somma tal-parti skontata tar-rimunerazzjoni varjabbli u l-parti mhux skontata tar-rimunerazzjoni varjabbli.

Eżempju 1

Assumi f'dan l-eżempju li l-Istat Membru inkwistjoni jkun ippermetta lill-istituzzjonijiet japplikaw rata ta' skont għal massimu ta' 25 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali. Assumi wkoll li l-azzjonisti tal-istituzzjoni ma approvawx proporzjon massimu oġġla minn dak previst fid-Direttiva 2013/36/UE.

L-istituzzjoni tixtieq tagħti lil membru tal-persunal rimunerazzjoni totali ta' EUR 285 000, li minnhom EUR 135 000 għandhom ikunu rimunerazzjoni fissa u l-ammont potenzjali ta' EUR 150 000 għandu jkun rimunerazzjoni varjabbli. Il-membru tal-persunal inkwistjoni huwa persunal identifikat u qed nikkunsidraw ir-rimunerazzjoni mogħtija għas-sena ta' prestazzjoni tal-2014. Il-proporzjon tar-rimunerazzjoni varjabbli/fissa abbażi tal-ammonti nominali f'dan il-każ ikun jaqbeż il-proporzjon ammissibbli ta' 1:1. Madankollu, wara l-applikazzjoni tar-rata ta' skont għall-proporzjon tar-rimunerazzjoni varjabbli mħallas fi strumenti differiti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin, il-proporzjon huwa kompatibbli mal-Artikolu 94(1)(g) tad-Direttiva 2013/36/UE kif muri hawn taħt.

L-istruttura tar-rimunerazzjoni varjabbli f'dan l-eżempju tkun kif ġej:

- EUR 20 000 tar-rimunerazzjoni varjabbli titħallas fi strumenti differiti għal ħames snin;
- EUR 10 000 jitħallsu fi strumenti differiti għal sitt snin;
- il-bqija tar-rimunerazzjoni varjabbli totali titħallas bil-quddiem, mhux fi strumenti jew tiġi differita għal perjodu ta' żmien iqsar minn ħames snin.

Id-Direttiva 2013/36/UE teħtieġ li mill-inqas 40 % tar-rimunerazzjoni varjabbli tiġi differita fuq perjodu li ma jkunx inqas minn tliet snin sa ħames snin. Fil-każ ta' komponent partikolarment għoli tar-rimunerazzjoni varjabbli mill-inqas 60 % jeħtieġ li jiġu differiti. Mill-inqas 50 % tar-rimunerazzjoni varjabbli għandha titħallas fi strumenti. Dawn il-proporzjonijiet kollha japplikaw għall-ammonti tar-rimunerazzjoni varjabbli mogħtija lil membru individwali tal-persunal qabel ma tiġi applikata r-rata ta' skont.

F'dan l-eżempju, mhux qed jiġi kkunsidrat il-vestment prorata. L-ammonti ta' EUR 20 000 u EUR 10 000 imħallsa fi strumenti jvestu bis-sħiħ wara ħames u sitt snin, rispettivament.

Abbażi tar-rimunerazzjoni varjabbli ta' EUR 150 000, l-ammont massimu ta' EUR 37 500 seta' jiġi skontat (li jirrappreżenta 25 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali ta' EUR 150 000), li kieku kellu jitħallas fi strumenti differiti għal iżjed minn ħames snin. Madankollu, f'dan l-eżempju, huma biss EUR 30 000 li jissodisfaw dawn iż-żewġ kundizzjonijiet u huma biss dawn l-ammonti li jistgħu jiġu skontati.

Fattur għall-inflazzjoni (i)

Assumi li l-aħħar rata tal-HICP disponibbli għal dan l-Istat Membru hija ta' 2 %.

Fattur għall-bonds tal-gvern tal-UE (g)

Assumi li l-aħħar rata medja disponibbli għall-bonds tal-gvern tal-UE fit-tul kif ippublikata mill-Eurostat hija ta' 2.73 %.

Fattur ta' inċentiv b'differiment fit-tul (id)

Fil-każ tal-EUR 20 000 iddifferiti għal ħames snin il-fattur ta' inċentiv huwa ta' 10 %.

Fil-każ tal-EUR 10 000 iddifferiti għal sitt snin il-fattur ta' inċentiv huwa ta' 14 % (10 % + 4 % għal kull sena sħiħa addizzjonali).

Tul tal-perjodu ta' vestiment (n)

Għal EUR 20 000 il-perjodu ta' vestiment huwa ta' ħames snin.

Għal EUR 10 000 il-perjodu ta' vestiment huwa ta' sitt snin.

Ir-rimunerazzjoni varjabbli skontata fl-eżempju 1 t'hawn fuq tiġi kkalkulata kif ġej:

Ammont ta' EUR 20 000 iddifferit għal ħames snin:

$$\frac{20\,000}{(1 + 0.02 + 0.0273 + 0.10)^5} = 10\,061.09$$

Ammont ta' EUR 10,000 iddifferit għal sitt snin:

$$\frac{10\,000}{(1 + 0.02 + 0.0273 + 0.14)^6} = 3\,569.75$$

Is-somma tar-rimunerazzjoni varjabbli skontata = EUR 13 630.84

Ir-rimunerazzjoni varjabbli totali għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponent varjabbli u dak fiss tar-rimunerazzjoni u l-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u dawk fissi tar-rimunerazzjoni huma kkalkulati kif ġej:

L-ammont ta' rimunerazzjoni varjabbli li jista' jiġi skontat għaliex huwa mħallas fi strumenti differiti għal mill-inqas perjodu ta' ħames snin huwa ta' EUR 30 000. Madankollu, intużaw fatturi ta' skont differenti għaliex il-perjodu ta' vestiment applikat għall-ammont ta' EUR 20 000 huwa ta' ħames snin, filwaqt li l-perjodu ta' vestiment applikat għall-EUR 10 000 huwa ta' sitt snin. Dawn iż-żewġ ammonti jvestu bis-sħiħ fl-aħħar tal-perjodu ta' differiment, u b'hekk il-perjodu ta' vestiment huwa ugwali għall-perjodu ta' differiment. F'dan l-eżempju m'hemmx vestiment prorata. L-ammont totali tal-parti skontata tar-rimunerazzjoni varjabbli huwa ugwali għal EUR 13 630.84, u jirriżulta f'ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni varjabbli u dik fissa ta' EUR 133 630.84; jiġifieri (150 000 - 30 000 + 13 630.84). Il-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u dawk fissi tar-rimunerazzjoni totali f'dan l-eżempju huwa $(133\,630.84/135\,000) * 100 = 98.99\%$.

Finalment, bil-preżunzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti hawn fuq, l-istituzzjoni tkun tista' tagħti lil membru tal-persunal rimunerazzjoni totali ta' EUR 285 000, li tikkonsisti f'EUR 135 000 f'rimunerazzjoni fissa u EUR 150 000 f'rimunerazzjoni varjabbli fil-proporzjon ta' 1:1 għar-rimunerazzjoni varjabbli u dik fissa.

Mir-rimunerazzjoni varjabbli ta' EUR 150 000, jeħtieġ li jiġu differiti mill-inqas 40 % (EUR 60 000). Jekk, skont il-ġurisdizzjoni, dan jitqies ammont partikolarment għoli, jeħtieġ li jiġu differiti mill-inqas 60 % (EUR 90 000). Fi kwalunkwe każ, mill-inqas EUR 75 000 jeħtieġ li jingħataw fi strumenti.


Eżempju 2

Assumi li fi Stat Membru, l-istituzzjoni tixtieq tagħti lil membru tal-persunal (identifikat li għandu impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni) li jirċievi rimunerazzjoni fissa ta' EUR 135 000, l-ammont ta' EUR 150 000 bħala rimunerazzjoni varjabbli. L-istess preżunzjonijiet rigward it-traspożizzjoni mill-Istat Membru tad-Direttiva 2013/36/UE (massimu ta' 25 %), l-approvazzjoni tal-azzjonisti ta' proporzjon ogħla minn 1:1 (xejn) u s-sena ta' prestazzjoni (2014) japplikaw bħal fl-eżempju 1. L-istruttura tar-rimunerazzjoni varjabbli hija kif ġej:

- 60 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali, jiġifieri EUR 90 000, tiġi differita għal sitt snin u tvesti prorata fuq dan il-perjodu,
- EUR 37 500 mir-rimunerazzjoni varjabbli t'hawn fuq iddifferita għal perjodu ta' sitt snin titħallas fi strumenti. Dan jimplika li kull sena, iversti l-ammont ta' EUR 6 250 imħallas fi strumenti.

F'dan l-eżempju, qed jiġi kkunsidrat il-vestment prorata. Ir-rata ta' skont tista' tiġi applikata għal massimu ta' 25 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali, sakemm titħallas fi strumenti differiti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin.

Figura 1: Ħarsa ġenerali skematika lejn l-arranġamenti ta' differiment u l-applikazzjoni tar-rata ta' skont għar-rimunerazzjoni varjabbli mħallsa fi strumenti differiti għal sitt snin u b'vestment prorata.



40 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali mħallsa bil-quddiem; 60 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali differita għal sitt snin mifruxa b' mod ugwali

Fattur għall-inflazzjoni (i)

Assumi li l-aħħar rata tal-HICP disponibbli għal dan l-Istat Membru hija ta' 2 %.

Fattur għall-bonds tal-gvern tal-UE (g)

Assumi li l-aħħar rata medja disponibbli għall-bonds tal-gvern tal-UE fit-tul kif ippublikata mill-Eurostat hija ta' 2.73 %.

Fattur ta' incensiv b'differiment fit-tul (id)

Għal perjodu ta' differiment ta' 6 snin, il-fattur ta' incensiv huwa ta' $10\% + 4\% = 14\%$.

Tul tal-perjodu ta' vestiment (n)

Il-vestiment prorata tal-porzjon tar-rimunerazzjoni varjabbli ta' EUR 37 500 imħallas fi strumenti differiti għal sitt snin jimplika li kull sena jvestu EUR 6 250. Għalhekk, fil-formola għar-rata ta' skont it-tul tal-perjodu ta' vestiment huwa: $n=1$ għas-EUR 6 250 li jvestu wara l-ewwel sena, $n=2$ għall-porzjon li jvesti wara sentejn, $n=3$ għall-porzjon li jvesti wara tliet snin, u jibqa' sejjer hekk sa $n=6$.

Ir-rimunerazzjoni varjabbli skontata f'dan l-eżempju 2 t'hawn fuq tiġi kkalkulata kif ġej:

F'dan l-eżempju, EUR 37 500, li jirrappreżentaw 25 % tar-rimunerazzjoni varjabbli totali jitħallsu fi strumenti differiti għal mill-inqas ħames snin u jistgħu jiġu skontati.

Il-valur skontat tal-ammont ta' EUR 37 500 tar-rimunerazzjoni varjabbli differit għal 6 snin u bil-vestment prorata huwa s-somma ta' dawn is-sitt valuri li ġejjin:

$$\frac{6\,250}{(1 + 0.02 + 0.0273 + 0.14)^1} = 5\,264.04$$

$$\frac{6\,250}{(1 + 0.02 + 0.0273 + 0.14)^2} = 4\,433.63$$

$$\frac{6\,250}{(1 + 0.02 + 0.0273 + 0.14)^3} = 3\,734.21$$

$$\frac{6\,250}{(1 + 0.02 + 0.0273 + 0.14)^4} = 3\,145.13$$

$$\frac{6\,250}{(1 + 0.02 + 0.0273 + 0.14)^5} = 2\,648.97$$

$$\frac{6\,250}{(1 + 0.02 + 0.0273 + 0.14)^6} = 2\,231.09$$

Is-somma tar-rimunerazzjoni varjabbli skontata hija EUR 21 457.07 (5 264.04 + 4 433.63 + 3 734.21 + 3 145.13 + 2 648.97 + 2 231.09).

Fil-każ tal-vestment prorata, il-kalkolu jista' jsir ukoll bl-użu tal-formola tal-valur preżenti:

$$dvr = vrpr * \frac{(r^n - 1)}{r^n * (r - 1)}$$

dvr = ir-rimunerazzjoni varjabbli skontata

vrpr = l-ammont prorata tar-rimunerazzjoni varjabbli (fl-eżempju t'hawn fuq EUR 6 250)

r = 1+i+g+id (i= ir-rata ta' inflazzjoni; g = ir-rata għall-bonds tal-gvern, id = id-differiment tal-fattur ta' incēntiv)

n = it-tul tal-perjodu ta' differiment

Ir-rimunerazzjoni varjabbli totali għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon bejn il-komponent varjabbli u dak fiss tar-rimunerazzjoni u l-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u dawk fissi tar-rimunerazzjoni hija kkalkulata kif ġej.

L-ammont tar-rimunerazzjoni varjabbli li jista' jiġi skontat, għaliex huwa mħallas fi strumenti differiti għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin, huwa ta' EUR 37 500. Madankollu, intużaw fatturi ta' skont differenti (jew il-formola tal-valur preżenti fil-kaxxa t'hawn fuq), għaliex dan l-ammont ivesti prorata fuq perjodu ta' sitt snin. L-ammont totali tal-parti skontata tar-rimunerazzjoni varjabbli huwa ugwali għal EUR 21,457.07, u jirriżulta f'ammont totali ta' rimunerazzjoni varjabbli għall-finijiet tal-kalkolu tal-proporzjon bejn ir-rimunerazzjoni varjabbli u dik fissa ta' EUR 133,957.07; jiġifieri (150 000 - 37,500 + 21,457.07). Il-proporzjon bejn il-komponenti varjabbli u dawk fissi tar-rimunerazzjoni totali f'dan l-eżempju huwa (133,957.07/135 000)*100 = 99.23%.

Tqabbil tal-effett tar-rata ta' skont bejn il-vestment prorata u l-vestment sħiħ wara perjodi ta' differiment

Jekk is-EUR 37 500 kienu vestew bi sħiħ wara d-differiment ta' sitt snin (l-ebda vestiment prorata), l-ammont skontat tar-rimunerazzjoni varjabbli totali kien ikun ta' EUR 13 386.54.

$$\frac{37\,500}{(1 + 0.02 + 0.0273 + 0.14)^6} = 13\,386.54$$

Il-proporzjon ta' rimunerazzjoni fissa/varjabbli jkun ugwali għal (125 886.54/135 000)*100 = 93.25 %, li huwa iżjed baxx minn dak miksub bil-vestment prorata.

Eżempju 3

L-eżempju li ġej huwa bbażat fuq ammont speċifiku ta' rimunerazzjoni fissa ta' EUR 100 000 u juri kif għandu jiġi kkalkulat l-ammont massimu possibbli ta' rimunerazzjoni varjabbli li jista' jingħata jekk 25 % tar-rimunerazzjoni varjabbli titħallas fi strumenti li huma differiti għal ħames snin, jekk wieħed jassumi li l-ammont sħiħ ivesti fl-aħħar tal-perjodu ta' differiment. Qed jintużaw ir-rata ta' inflazzjoni u r-rata tal-imgħax għall-bonds tal-gvern previsti taħt l-eżempju 1. L-istess preżunzjonijiet rigward it-traspożizzjoni mill-Istat Membru tad-Direttiva 2013/36/UE (25 %), l-approvazzjoni tal-azzjonisti ta' proporzjon oġġla minn 1:1 (xejn) u s-sena ta' prestazzjoni (2014) japplikaw bħal fl-eżempju 1. Jekk jiġu preskritti rati iżjed baxxi mill-Istat Membru, il-formola jeħtieġ li tiġi emendata kif xieraq billi $z=0.25$ jiġi sostitwit bil-perċentwal iżjed baxx.

F'dan l-eżempju, ir-rimunerazzjoni varjabbli totali li tista' titħallas hija sa massimu ta' 100 % tal-komponenti fissi tar-rimunerazzjoni u r-rimunerazzjoni varjabbli massima li tista' tiġi skontata hija ta' 25 % sakemm titħallas fi strumenti li huma differiti għal mill-inqas ħames snin.

Għalhekk, nistgħu niktbu din l-ekwazzjoni li ġejja:

$$fr = (1 - 0.25) * tvr + \frac{0.25 * tvr}{(1 + i + g + id)^n}$$

fr	= ir-rimunerazzjoni fissa
tvr	= ir-rimunerazzjoni varjabbli totali
i	= ir-rata ta' inflazzjoni;
g	= ir-rata tal-imgħax għall-medja tal-UE tal-bonds tal-gvern;
id	= il-fattur ta' inċentiv għall-użu ta' differiment fit-tul;
n	= it-tul tal-perjodu ta' vestiment.

Bis-sostituzzjoni tal-ammonti korrispondenti kkunsidrati f'dan l-eżempju għal kull varjabbli fl-ekwazzjoni t'hawn fuq, ik ollna:

$$100\,000 = 0.75 * tvr + \frac{0.25 * tvr}{(1 + 0.02 + 0.0273 + 0.10)^5}$$

$$fr = 100\,000$$

$$i = 2\%, \text{ fattur għall-inflazzjoni}$$

$$g = 2.73\% \text{ fattur għar-rata tal-imgħax tal-bonds tal-gvern}$$

$$id = 10\%, \text{ fattur għal differiment ta' ħames snin,}$$

$$n = 5, \text{ tul tal-perjodu ta' vestiment.}$$

Jekk insolvu l-ekwazzjoni ta' qabel għal tvr, ikollna:

$$tvr = \frac{100\,000 * 1.987856}{0.75 * 1.987856 + 0.25} = 114\,186.10$$

F'dan l-eżempju t'hawn fuq, ir-rimunerazzjoni varjabbli massima li tista' titħallas jekk 25 % tar-rimunerazzjoni varjabbli tiġi skontata hija ta' EUR 114 186.10.